KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36 — Tlieta 24 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier (attenda onlajn)
Aiken Zerafa – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Shirley Abela – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN:
Daniel Galea - Accountant

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Shirley Abela. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

Il-Kunsillier Cassar talab li jiġi provdut rapport ta' attendenza tal-Kunsilliera Shirley Abela, għax ilha ħafna ma tattendi laqgħa tal-Kunsill, u l-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ilha ma tattendi min Diċembru, għalkemm meta kellna l-laqgħat onlajn dejjem attendiet. Il-Kunsillier Cassar talab biex niċċekkjaw ir-regoli jekk suppost tiġi *replaced* il-Kunsilliera S. Abela, peress li ilha ma tattendi laqgħat, u l-Ministeru jiddeċiedi jekk tibqax eletta.

36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 35

REF: 30.4.6 Outdoor Gym Żokkrija u Parkour Blata l-Għolja

Is-Sindku nfurmat li ġnien 15 t'Ottubru l-*equipment* twaħħal, u qed niġbru kwotazzjonijiet minħabba li hemm problemi bid-dawl, peress li dan il-ġnien ma jixelx.

Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex waslu l-Outdoor Gym u l-Parkour. Is-Sindku nfurmat li l-Outdoor Gym fadal li jintgħażlu l-*pots*. Saret diskussjoni fejn il-Viċi Sindku nforma li ma jaqbilx li l-*pots* jkunu tal-plastik.

Rigward il-Parkour is-Sindku nfurmat li ħa jitkompla wara li jitlesta ġnien 15 t'Ottubru. Il-Kunsillier Cassar nforma li jkun tajjeb kieku ġnien 15 t'Ottubru jitlesta u jinfetaħ ma l-anniversarju tal-knisja, u l-Outdoor Gym jinfetaħ ma Jum il-Mosta.

Il-Kunsillier nforma li fl-aħħar laqgħa ġie diskuss il-manutenzjoni ta' l-Outdoor Gym, kienet għalja, fejn kien wkoll issuġġerixxa li it-tisqija jieħdu ħsieba grupp ta' studenti mil-iskola stess. Il-Viċi Sindku nforma li idealment jsir *drip irrigation.*

Il-Viċi Sindku nforma li avviċinaħ l-kuntrattur tal-ġonna, fejn infurmah li waqt il-laqgħa semgħu jikkritika l-kwotazzjoni tiegħu għax huwa għoli, u spjega lil-Viċi li għal-dawk il-pjanti li jrid il-Kunsill jrid jmur issaqqi tlett darbiet fil-ġimgħa, speċjalment fis-sajf. Il-Kuntrattur nforma lil Viċi, li jekk issir *drip irrigation* ovvjament il-prezz ta' manutenzjoni ser jonqos.

Saret diskussjoni dwar jekk hemmx vit ta' l-ilma jew le ġewwa l-iskola, u s-Sindku u l-Viċi Sindku ftehmu li jmorru fuq il-post u jitkellmu mal-Head ta' l-iskola.

REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report

Is-Sindku nfurmat li talbet lil-Perit tal-Kunsill x'tip ta' tabella trid issir, u x'aktarx trid titwaħħal tabella b'tunellaġġ *standard,* li ma jgħaddux *heavy vehicles.* Saret diskussjoni u s-Sindku nfurmat li l-Perit tal-Kunsill għandu jikkonferma lura liema tabella trid issir.

Fis-6:17pm daħal għal-laqgħa l-Viċi Sindku.

REF: 24.4.5 Kommunikazzjoni – Proġetti

Is-Sindku nfurmat li l-bankina ta' triq il-Midbaħ hija lesta.

REF:34.3.1 Kommunikazzjoni – Sleeping Policeman Triq Patri Ġużè Delia u Triq il-Fortizza

Is-Sindku nfurmat li ta' waħda mil lis-*sleeping police* lesta, u saret l-applikazzjoni biex issir ta' triq patri Ġużè Delia.

REF: 34.3.11 Kommunikazzjoni- KLMT-02-2021 - Service tender for electrician services at the Mosta Local Council.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*bids* li ntefgħu, nqabeż il-baġit, u wara li tkellimna mid-Dipartiment nfurmawna li rridu issa noħorġu tender, però xorta l-bord jrid jevalwa *is-service call for quotation,* u kif jitlesta draft tat-tender, jiġi ċċirkulat mal-Kunsilliera.

REF: 34.3.12 Kommunikazzjoni Triq Ferdinand Calleja

Is-Sindku nfurmat li ż-żebgħa saret.

REF: 34.3.2 Kommunikazzjoni -Jupiter Roundabout New Statue

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rcevejnhiex risposta, u ħa terġa tintbagħat *reminder,* u ħa tikkopja lil-Kunsilliera.

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat tistaqsi lil GO plc, x'inhuma il-*penalty fees* biex nitterminaw il-kuntratti, peress li sibna offerta aħjar, biex tiġi *upgraded* il-PABX skont il-bżonnijiet tagħna.

**REF: 35.3.2 Kommunikazzjoni – Proposal Summer 2021**

Is-Sindku talbet lista u rendikont ta' kemm applikaw għal-korsijiet tar-Robotica u ECDL.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa ġie diskuss li jista' jkun mmorru għal-tender, għax mhumiex fil-BOQ tal-kuntrattur tagħna Micamed. Dwar il-parir li ntalab lil-Inġinier Galea Curmi għad ma rċevejnhiex risposta.
Il-Viċi Sindku ħa jċempel lil-Inġinier Galea Curmi biex jagħmel *follow-up,* u jekk l-Inġinier jidhirlu li hemm lampa tajba mil-kwotazzjonijiet li provdejnilu, nkunu nistgħu nmexxu mal-Micamed.

**REF: 35.3.5 Kommunikazzjoni – Quote for Bins**

Is-Sindku staqsiet jekk ġewx ordnati l-*bins*, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li, iva, saret il-Purchase Order, u ġew ordnati l-*bin liners.*

**REF: 35.4.6 Tables & Chairs**

Is-Sindku staqsiet jekk ta' l-Extra Time, rrispondhiex l-ittra li ntbgħatitlu minħabba li tefa t-*tables and chairs* fuq *loading/unloading bay.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma jidhrilhiex li rċevejna risposta. Ħa tikkonferma, u jekk le ħa tibgħat għal-*enforcement.*

Fuq nota differenti, s-Sindku żiedet tgħid li mhux dejjem taqbel ma kif qed jingħataw il-permessi min Transport Malta tal-*loading/unloading bays*, u dawn meta tidħol applikazzjoni għand il-Kunsill, jridu jingħaddu lil-kumitat tat-Traffic Management għal evalwazzjoni tal-kumitat. Saret diskussjoni, u ġie maqbul mil-membri preżenti li kull applikazzjoni għanda tintbagħat li lil-kumitat tat-Traffic Management, qabel ma ssir l-applikazzjoni ma Transport Malta, ħlief dawk tal-*blue badge* (CRPD).

Is-Sindku kompliet tgħid li saret *loading/unloading bay* fi triq Ponsomby, u l-Kunsill jixtieq jkun jaf ta' min hi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 35.

Fis 6:48 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 36.5.2 Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent.

36.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

36.3.1 Kommunikazzjoni – Suġġeriment Triq il-Kostituzzjoni - Pjazza tal-Mosta l-parkeġġ

Is-Sindku nfurmat li daħlet talba l-Kunsill biex jsiru tlett *parking spaces* biswit iċ-ċentru ċiviku li jista' jintużaw f'każijiet ta' emerġenza. Is-Sindku nfurmat li t-*traffic management committee* kien iddiskuta u approva biex jiġu evalwati diversi siti li jkunu bit-*timed parking.*

Saret diskussjoni, u l-membri preżenti qablu li dawn il-parkeġġi jkunu bit-*timed parking.* Is-Sindku nfurmat li qed tistenna l-pjanti biex tkun tista' tressaqhom lil-Transport Malta.

**36.3.2 Kommunikazzjoni - Speed Moderator u Żebra Crossing f'San Pawl tal-Qliegħa, u Speed Moderator fi Triq il-Bazilika**

Is-Sindku nfurmat li rċevejna talbiet għal-*speed moderators* u *zebra crossing.*
L-ewwel waħda fi triq San Pawl tal-Qliegħa, fejn ntalbet *speed moderator* u *żebra crossing,* fejn is-Sindku ssuġġeriet li z-*zebra crossing* ssir viċin l-Army Surplus, u tkun elevata bħal ma saret fi Vjal Qalbiena Mostin, biex fl-istess ħin tkun *speed moderatur.*

Saret diskussjoni u l-membri preżenti approvaw li ssir *elevated speed moderator* u *zebra crossing* f'San Pawl tal-Qliegħa.

Dwar it-talba ta' *speed moderatur* fi triq il-Bażilika, u s-Sindku nfurmat li din it-triq twila, u għalhekk l-aħjar li ssir huwa qabel ma taqbad triq il-Ħtajriet. Saret diskussjoni u din ħa tiġi diskussa fil-kumitat tat-*traffic management.*

Il-membri preżenti qablu li kull talba li ssir il-Kunsill qabel ma tintbagħat lil Transport Malta għal-approvazzjoni, l-ewwel tiġi evalwata mit-*traffic management committee*, ħlief għal dawk it-talbiet għad-*disabled parking.*

Fis 7:55 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 36.5.4 - Rapport mil-Avukat tal-Kunsill re: Kawżi Pendenti. Minħabba raġunijiet sensittivi dwar l-kawżi, il-mikrofoni ġew mitfija.

**36.3.3 Kommunikazzjoni - Lights Proposal Quote**

Is-Sindku nfurmat li Galea Curmi rrakkomandaw tas 60 *watts* għad-dwal taż-żebra *crossings*. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-vultaġġ mhux biżżejjed imma jrid jkollna l-IP *rating* wkoll. Il-membri preżenti qablu li nixtru tas-60 *watts* li jkunu tajbin għal barra.

**36.3.4 Kommunikazzjoni - Talba għal sleeping police Triq il-Bdiewa**

Is-Sindku nfurmat li rċevejna talba biex issir *sleeping police* fi triq il-Bdiewa, il-Bidnija.
Il-membri preżenti qablu li tintbagħat ittra lir-residenti, u jekk jaqblu din issir tar-*rubber.*

**36.3.5 Kommunikazzjoni- Point 2 Triq l-Isperanza biex tkun innumerata u Point 6 Konfini Mosta u Naxxar**

Point 6: Is-Sindku nfurmat lil-Kunsilliera li parti mil-Mosta skont il-pjanti li rċevejna, issa saret man-Naxxar. Is-Sindku nfurmat li meta tkellimna ma lis-Street Naming Committee, infurmawna li m'għandhomx dritt ibiddlu l-*boundaries,* għax dawn ħarġu skond il-liġi tan-1999.
Saret diskussjoni u s-Sindku nfurmat li lis-Street Naming Committee nfurmawna li l-Kunsill m'għandux dritt li jibdel il-*boundaries*, imma għandu dritt jikteb bl-avukat lil-Kummissjoni Elettorali.

Point 2: Is-Sindku nfurmat li dwar triq l-Isperanza, ħa tiġi diskussa waqt it-*traffic management Committee.* Kif wkoll fuq triq id-Dawr il-Viċi ser jressaq proposta biex din t'issemma għal-Freddie Micallef. Il-Viċi talab lil membri preżenti jekk jaqblux ma din il-proposta, u l-membri preżenti unanimament qablu biex titressaq il-proposta li triq id-Dawr tissemma Triq Freddi Micallef.

**36.3.6 Kommunikazzjoni - Vjal Ragusa Green Wall**

Is-Sindku nfurmat li ltaqet mal-Perit diversi drabi fejn għad qed jiġi diskuss kif jista' jitfassal bl-aħjar mod dan il-proġett. Is-Sindku ċċirkulati mal-membri preżenti l-ewwel parti ta' l-istudju li għadu mhux finali.

Saret diskussjoni dwar l-istudju, l-ilma, l-ħajt, l-bankina u dawl għal pont, u l-Kunsillier Deguara nforma li qabel ma jsir il-proġett tal-Green Wall għandu jiġi r-restawrat il-ħajt.
Il-membri preżenti qablu li nistaqsu lil-Galea Curmi biex jipprovdilna rapport, ta' x'inhu l-aħjar dawl biex ndawlu taħt il-pont.

Il-Kunsillier Gatt talab biex jintbagħatlu r-rapport li ġie ċċirkulat mal-Kunsilliera.

**36.3.7 Kommunikazzjoni - Probation of employee Carmen Farrugia**

Minħabba raġunijiet ta' etika dwar l-impjegata, il-mikrofoni ġew mitfija.
Saret diskussjoni, u l-membri preżenti qablu li din l-impjegata tiġi t-terminata.
Il-membri preżenti unanimament qablu, li nibdew naħdmu biex nimpjegaw persuna oħra.

Fit-8.45pm il-membri preżenti unanimament qablu li jiżdied il-ħin tal-laqgħa bi kwarta, sad-9:15pm.

**36.3.8 Kommunikazzjoni - Triq il-Kbira Footpaths**

Il-Viċi Sindku nforma li kien ġie diskuss biex il-bankini fi triq il-Kbira jsiru bil-*block paving* u jitneħħa l-konkos, billi Infrastructure Malta ma jagħmlux konkos, imma *block paving* u l-Kunsill jħallas id-differenza. Il-Viċi nforma li mil-kwotazzjonijiet li għandu l prezz huwa ta' madwar €7,200, però s-CEO is-Sur Azzopardi mhuwiex favorevoli, peress li jista' jkun hemm iktar dewmien biex jitlesta x-xogħol.

Saret diskussjoni dwar il-*culverts*, u l-bankini kif wkoll biex jitwessgħu mingħajr ma jintilfu parkeġġi. Il-Viċi nforma li għada għandhom *meeting* mal-kuntrattur u ser jkellmuh, jekk hux lest jagħmel ix-xogħol, u jekk iva ninfurmaw lis-Sur Azzopardi li nistgħu naħdmu flimkien.

Il-membri preżenti unanimament qablu biex nitolbu lid-DLG permess għal-*direct order.*

**36.3.9 Kommunikazzjoni- Lista għal-lampi dekorattivi Fażi 3**

Il-Viċi Sindku nforma li l-Kunsill kien qabel li jsiru l-fanali tal-pjazza, u staqsa lil-Kunsillier Camilleri jekk il-proġett fejn ser jsir id-dawl tal-knisja mis-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet, jinkludix id-dawl tal-Pjazza wkoll. Il-Kunsillier Camilleri ikkonferma li il-proġett jinkludi d-dawl tal-pjazza, u nforma wkoll li trid issir laqgħa mal-Kunsilliera.

Dwar il-lista għal-lampi dekorattivi Fażi 3, is-Sindku talbet lil membri preżenti, li min hu interessat li jibgħat proposti dwar il-fanali dekorattivi għandu jibgħathom. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa tiġi ċċirkulata l-*excel sheet* bil-proposti li hemm s'issa.

Fit 8:55pm il-Kunsilliera Bonnici u Micallef talbu biex jiġu skużati mil-laqgħa.

**36.3.10 Kommunikazzjoni- Graduation Ceremony in Gnien Gharusa tal-Mosta - 16 September 2021**

Il-Viċi Sindku nforma li qed issir talba min *child care centre* biex issir *graduation ceeremony* fil-ġnien l-Għarusa tal-Mosta, skond il-protokolli maħruġin mis-Suprintendenza tas-Saħħa

Pubblika nhar is-16 ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dak in-nhar hemm Jum il-Mosta u għalissa il-ġnien mhux disponibbli sakemm nikkonfermaw fejn ser nkunu nistgħu nagħmlu Jum il-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil Viċi biex jinforma lil taċ-*child care* jibgħatu email dirett lil-Kunsill.

### 36.3.11 Kommunikazzjoni - ERA permit

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-siġra mhux ser titneħħa, għax ir-residenti nfurmaw li qatt ma talbu biex titneħħa imma biex tinzabar, liema nformazzjoni hija differenti min dak li oriġinarjament intqal mil-Viċi waqt laqgħa tal-Kunsill. L-Viċi staqsa jekk nistgħux nirranġaw l-applikazzjoni, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tista', però l-Era mhux ser jaċċettaw li tinqala sempliċiment għax ġiet ġurnata riħ u din is-siġra qed tħabbat ma proprjetà ta' terzi.

Il-Viċi Sindku nforma li ħa jerġa jitkellem mar-resident biex jara xi ħsara hemm.

Fid 9:00pm il-Viċi Sindku talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

Il-Kunsillier Gatt staqsa li fuq din iż-żona fejn hemm is-siġra, kien sar qbil li jitranġa u jsir xi bank. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li iva, u li l-Viċi kellu jagħmel disinn.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 36.4.1 Proġetti

Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar il-proġetti. Is-Sindku nfurmat li dwar Triq Charles J. Vassallo u Triq Dun Mikiel Scerri, qed nistennew *draft* tat-tender biex nkunu nistgħu nippreparaw it-tender. Rigward ġnien Carmelo Dimech dan il-proġett qed jsir mil-Ministeru tal-Enerġija u Ilma u rigward il-latrini tlabna lil Perit tal-Kunsill biex jibda jaħdem fuq it-tender. Fejn jidħlu proġetti tal-PAMA s-Sindku nfurmat li għanda laqgħa fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, u nfurmathom li jekk mhux ser nkomplu bil-proġetti, ħa nmexxu bl-avukat.

### 36.4.2 Festivals

Is-Sindku nfurmat li bħala reġjun fuq nar u baned, u qegħda parti mis-sotto kumitat biex taħdem ħalli tressaq lejn il-lokalità tal-Mosta bosta attivitajiet. Oriġinarjament kien ser jkollna ix-xogħol relatat mal-Piroteknika ta' l-art ġewwa l-Pjazza, però minħabba restrizzjonijiet mhux ser jsir, u għalhekk il-kumitat rnexxielu jġib l-festival tal-baned u jekk kollox jmur skond il-pjanijiet minħabba d-dati li għaddiet lil-Kunsillier Camilleri, bħala data dan il-festival ser jsir il-Ħadd fit-3 t'Ottubru.

### 36.4.3 Silver T

Is-Sindku nfurmat li s-servizz tas-Silver T, qegħdin jippruvaw li tiġi reġjonali. Il-Ministeru ġie nfurmat għal-kunsiderazzjoni tiegħu.

## 36.5 Rapporti

### 36.5.1 Update - Development Funds as at 24.08.2021

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti ta' kull laqgħa.

### 36.5.2 Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent

Il-Kunsillier Camilleri qara l-applikazzjonijiet ta' persuni nominati għal Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li f'każ li jkun hemm persuna li hija mejta li ġġib voti biżżejjed, din tingħata Ġieħ jew Mertu l-Mosta.

**Nominati għal-Ġieħ:**

- Freddie Tonna
- John Mamo (late)
- Rita Vassallo
- Sasha Gatt
- Colin Muscat
- Michael Camilleri
- Dun Salv Borg

Il-membri preżenti unanimament qablu li dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati minħabba ksur fir-regoli:

- John Mamo (late): Din l-applikazzjoni ma kienetx milqugħa wara votazzjoni li għaddiet bil-*casting vote* peress li ma kienetx kompluta, u allura mhix konformi mar-regoli.

- Dun Salv Borg: Il-membri preżenti unanimament qablu li din l-applikazzjoni ma tistax tiġi kunsidrata minħabba li daħlet tard, u allura mhix konformi mar-regoli.

**Nominati għal-Rikonoxximent:**

- Freddie Tonna
- Laurie Gatt (late)
- Sasha Gatt
- Angelo Dingli
- Raymond Deguara

Il-membri preżenti unanimament qablu li din l-applikazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata minħabba ksur fir-regoli:

- Angelo Dingli: Din in-nomina saret minn bint il-persuna nnominata u għalhekk mhix konformi mar-Regoli.

<u>**RIZULTAT TAL-VOTAZZJONI MIL-KUNSILLIERA**</u>

| NOMINATI GIEĦ il-MOSTA | VOTI MIKSUBA | KUNSILLIERA |
|---|---|---|
| Freddie Tonna<br>**NOMINAT** | 9 | Romilda, Mikhail, Marvic, Pia, Danny, Rachel, Frans, Angele, Chris, |
| Rita Vassallo<br>**NOMINATA** | 12 | Romilda, Keith, Aiken, Mikhail, Marvic, Pia, Danny, Rachel, Frans, Angele, Chris, Joseph, |
| Sasha Gatt | 1 | Aiken, |
| Colin Muscat (late)<br>**NOMINAT** | 11 | Romilda, Keith, Mikhail, Marvic, Pia, Danny, Rachel, Frans, Angele, Chris, Joseph, |
| Michael Camilleri | 4 | Keith, Aiken, Joseph, Frans |

| NOMINATI RIKONOXXIMENT | VOTI MIKSUBA | KUNSILLIERA |
|---|---|---|
| Freddie Tonna | 2 | Aiken, Joseph, |
| Laurie Gatt (late)<br>**NOMINAT** | 12 | Romilda, Keith, Aiken, Mikhail, Marvic, Pia, Danny, Rachel, Frans, Angele, Chris, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Joseph, |
| Sasha Gatt<br>NOMINATA | 10 | Romilda, Keith, Mikhail, Marvic, Pia, Danny, Rachel, Frans, Angele, Chris, |
| Raymond Deguara<br>NOMINAT | 11 | Romilda, Keith, Aiken, Mikhail, Marvic, Pia, Danny, Rachel, Angele, Chris, Joseph, |
| Michael Camilleri | 2 | Marvic, Frans, |

Il-Kunsillier Cassar skond ir-regoli tal-Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent, ippropona rikonoxximent il-Mosta tas-6 leġislatura lil;

- Brian Bezzina
- Dott. Rachel Tua
- James Cassar

Il-membri preżenti unanimament approvaw rikonoxximent il-Mosta tas-6 leġislatura.

Fis 7:39pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 36.5.3 - Quarterly Report No 4- October -December 2020

### 36.5.3 - Quarterly Report No 4: October to December 2020

L-accountant tal-Kunsill nforma dan il-*quarterly report* sar skond it-*template* tad-DLG. Dawn huma in-numri kif ġew awditjati u ġew preżentati l-Kunsill ftit tal-ġimgħat ilu, fejn il-Kunsill spiċċa b'*surplus* ta' €81,005, u b'*surplus* akkumulat ta' €652,109 li jiġi FSI ta' 47%.

Il-membri preżenti unanimament approvaw Quarterly Report No 4: Ottubru sa Diċembru 2020.

### 36.5.4 - Rapport mil-Avukat tal-Kunsill re: Kawżi Pendenti

L-avukat tal-Kunsill ta' rendikont dwar il-kawżi li ġejjien:

- WM Environmental Ltd. vs Kunsill Lokali Mosta
- Tal-Ġeneral Co. Ltd. vs Kunsill Lokali Mosta
- Claims vs Kunsill Lokali Mosta

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex issir laqgħa, ma l-ex Sindku Demartino, dwar il-każ Tal-Ġeneral Co. Ltd.

### 36.5.5 - Quotation - KLMQ-03-2021 - Cleaning Services at the Mosta Local Council Premises

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tinħareġ *call for quotation* għat-tindif tal-uffiċini.

### 36.5.6 - Issuing of Tender: KLMT-02-2021 – Electrician Service

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li peress li l-*bids* intefgħu kollha l-fuq mil-baġit stipulat, issa jrid jinħareġ tender, però reġgħet fakkret lil-bord ta' evalwazzjoni li l-ewwel jridu xorta jevalwaw il-*call for quotation* mis-sistema tal-EPPS.

### 36.5.7 - Tender: KLMT-03-2021 - Tender for the Provision of Service for the Cleaning and Upkeep of Public Conveniences in Mosta in an Environmentally Friendly Manner

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jiġi *drafted* it-tender tal-Public Convenience u kif jkun lest jiġi ċċirkulati mal-Kunsilliera qabel ma jiġi *issued.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-baġit allokat mil-Gvern huwa ta' €8,500 fis-sena, li r-rata għas-sena 2021 hija ta' €7.21c li meta tikkalkula din ir-rata mal-baġit, l-ammont ta' tindif f'sigħat jiġi għal 3 sigħat fil-ġimgħa.

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Kunsill jrid joħroġ id-differenza biex nżidu is-sigħat ta' tindif. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Kunsilli oħra, bejn wieħed u ieħor, il-latrini jitnaddfu 4 darbiet kuljum.
Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li fit-tender trid titniżżel klawsola li l-mod ta' kif jsir it-tindif jista' jinbidel skond l-eżiġenzi tal-Kunsill, wkoll minħabba l-fatt li l-latrini ser jsiru ġodda u rridu nimxu skont ir-*requirements* tat-tender u l-*equipment* li ser jkun hemm.

Dwar ħinijiet il-membri preżenti unanimament qablu li jitnaddfu ħames darbiet kuljum, ħlief meta jkun hemm il-festa u l-ġimgħa ta' żmien il-Għid. Apparti dawn, il-membri qablu li jiżdiedu l-ħinijiet tal-ftuħ għal meta jsiru attivitajiet oħra tal-Kunsill, bħal Jum il-Mosta, Karnival, Festa Qargħasel eċċ.

## 36.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 36.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 118.

Il-Kunsillier Cassar irrimarka fuq *item* 3072 dwar in-*non slip* li sar fil-Pjazza, li għalkemm jaqbel li s-sigurtà tar-resident jiġi l-ewwel, iż-żebgħa li nxtrat seta' faċilment għamel iż-żebgħa l-*handyman* tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar talab rapport tad-*direct orders* ta' kull kuntrattur tat-2020 u 2021, biex naraw min minnhom qabeż il-limit tad-*direct orders.* Is-Sindku staqsiet lil-Kunsillier Cassar jekk fi żmienu li kien Sindku qadtx inqabżu id-*direct orders.* Il-Kunsillier Cassar nforma li le, u s-Sindku talbet l-istess rapport tal-2018 u 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dejjem nimxu mal-proċeduri, u jekk jinqabżu, jkun minħabba għax għalkemm nibgħatu għal 3 kwotazzjonijiet jkun hemm min ma jirrispondiex, u/jew jkun każ ta' emerġenza u mhux kulħadd lest li jiġi mill-ewwel.

Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil membri preżenti biex jgħidulha jekk hux ser twaqqaf ix-xogħolijiet meta jkun każ li ma nirċievux it-tlett kwotazzjonijiet li jintalbu, jew f'każijiet ta' emerġenza.
Ħadd mil-Kunsilliera presenti ma irrisponda għad domanda tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 14 ta' Lulju sal-24 ta' Awwissu 2021.

### 36.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 36.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

36.6.4 **Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*

Il-Kunsillier Cassar staqsa fuq *item* 45 u 46 fejn inxtara *oil* u *fuel* fl-istess ġurnata imma n-*nominal account* huwa differenti.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Lulju 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

36.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:25 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-22 ta' Settembru 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 24 ta' Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |